MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 253/2003/1

**Paul Baldacchino esercenti n-negozju taht l-isem 'British Garage'**

**vs**

**Angela Axiaq**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta' Dicembru, 2004, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-13 ta' Mejju tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lill-attur s-somma ta' elfejn, mija u tlett Liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (LM2,103.81,0), bilanc ta' prezz ta' karozza Daihatsu FAZ-575 lilha mibjugha u kkonsenjata, u li naqset li thallas;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-5 ta' Marzu, tas-sena 2004, u bl-imghaxijiet;

3. Illi l-konvenuta ghandha tidher ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-2 t'Ottubru tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok it-talba attrici ghandha tigi michuda stante illi l-bilanc ta' prezz li qed jintalab effettivament thallas kollu diga' mill-konvenuta b'pagament mensili li ghamlet matul is-snin u l-attur, minkejja li thallas il-prezz kollu tal-vettura, naqas li johrog ricevuti tal-hlas u dan minkejja li dejjem kien jinghad lill-konvenuta li dawn kienu ser jintbaghtulha;

2. Illi fit-tieni lok l-ammont mitlub certament m'huwiex dovut illum stante illi l-attur arbitrarjament rega' ha lura l-vettura minghand il-konvenuta sabiex ipaci t-talba maghmula fit-talba odjerna u ghaldaqstant kemm-il darba t-talba odjerna tintlaqa' l-attur jispicca jkun arrikixxa ruhu ingustament minn fuq il-konvenuta fejn tkun qed terga' thallas ghal haga li diga' hallset ghaliha u li inoltre regghet ittiehdet lura mill-venditur;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur jiggestixxi negozju ta' bejgh ta' karozzi uzati;

2. Illi l-konvenuta kienet xtrat vettura uzata minghand l-attur;

3. Illi l-partijiet kienu ftehmu li l-konvenuta kellha thallas ammonti rateali ta' hamsin Lira Maltin, (LM50.00,0), fix-xahar;

4. Illi jirrizulta abbundantement assodat li l-konvenuta kienet thallas dan l-ammont hekk pattwit u anke bir-rata oghla ta' hamsa u sebghin Lira Maltin, (LM75.00,0), izda ricevuta qatt ma' kienet tinghata;

5. Illi jirrizulta li l-konvenuta kienet fizikament thallas dan l-ammont hekk pattwit lill-istess attur u f'okkazzjonijiet ohra lil ibnu Randolph u lil martu Georgina;

6. Illi pero' jirrizulta li ricevuta in sodisfazzjoni tal-pagament ma kienetx tinghata;

7. Illi l-konvenuta m'ghandhiex r-"records', jew ahjar prova tangibbli, tal-pagamenti effettwati minnha;

Ikkunsidrat:

Illi hu ovvju f'dan il-kaz li z-zewg partijiet jippekkaw fil-precizjoni;

Illi ghalkemm it-tnejn jallegaw li ghamlu dak minnhom dovut skond il-ftehim pattwit bejnietom, pero' hadd ma ressaq prova tangibbli u verifikabbli in sostenn ta' dan;

Ghaldaqstant din il-qorti ma tqisx li l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi u filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez."

L-attur hassu aggravat b’ din is-sentenza u appella minnha bl-ilment li, in sintesi, jikkonsisti f’ kontestazzjoni ta’ l-evalwazzjoni tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. Huwa jsostni li l-versjoni tieghu kienet aktar verosimili minn dik tal-konvenuta u allura ma setax jinghad li hu ma pprovax il-kaz tieghu. In partikolari, hu jikkampa din is-sottomissjoni tieghu in bazi ghal konsiderazzjoni tal-konteggi dettaljati esebiti u li, fil-fehma tieghu, baqghu ma gewx kontraddetti jew dubitati;

Din il-Qorti ma tistax ma tissenjalax bhala punt ta’ tluq fl-ezami ta’ dan l-aggravju illi, kif pacifikament konsolidat, din il-Qorti ta’ revizjoni ma tindahalx, in linea ta’ massima, fl-ezercizzju kondott mill-ewwel Qorti tal-provi, hlief meta dan ikun manifestament ezercitat hazin jew ghal xi motiv iehor gravi. Ara **Kollez. Vol. XXXII P I p 17** u **Vol. XXXVII P I p 56**, fost bosta ohrajn, anke saz-zmien ricenti (“**Grazio Patiniott -vs- Anthony Cini**”, Appell, 5 ta’ Ottubru 2001). Jinghad mill-ewwel, a skans ta’ ekwivoci, illi fil-fattispeci prezenti ma jidherx li jokkorru c-cirkostanzi eccezzjonali li jsemmi l-principju suddett. Kien fil-poter diskrezzjonali ta’ l-ewwel Qorti li taghmel apprezzament tal-provi u li ssib ukoll, mir-rizultanzi processwali, illi l-attur naqas li jipprova l-kaz tieghu;

In materja ta’ dritt probatorju n-norma stabbilita bl-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 timponi b’ obbligu fuq min jallega fatt l-oneru li jipprovah. Fid-distribuzzjoni ta’ l-oneru tal-prova dan ighodd kemm fil-kaz ta’ l-attur kif ukoll ghall-konvenut azzjonat;

Dan igib bhala l-ewwel osservazzjoni illi l-attur htieglu jipprova l-fatt principali u kostituttiv tal-pretensjoni tieghu li hu ried javvalla fil-gudizzju. Hekk, ad ezempju, kuntratt determinat ta’ bejgh bhal ma hu il-kaz hawnhekk, hu l-fatt kostituttiv tal-kreditu ghal hlas tal-prezz. Nuturalment ghall-produzzjoni tar-rizultat guridiku pretiz li jigi ottenut hemm il-kawza efficjenti specifika determinata mill-fatt illi

fil-kaz in ispecje l-hlas kellu jsir skond kambjali emessi fil-mument tal-konkluzjoni tal-kuntratt u hekk rapprezentanti il-pagamenti dovuti in bazi ghall-akkordju ta' *hire-purchase* tal-vettura. Din il-forma ta' vendita *'a credito'* ossija bi hlas differit tal-prezz tinsab sew interpretata fil-kawza fl-ismijiet "**Noel Gruppetta *nomine* -vs- Joseph Florian**", Appell Civili, 29 ta' Jannar 1980, u f' kull kaz ma jidherx necessarju li din il-Qorti, f' dan l-appell, toqghod tinoltra ruhha fin-natura ta' kuntratt bhal dan;

Issa ghal xi raguni li jafha biss l-attur dawn il-kambjali, hekk rapprezentattivi tat-titolu ghall-hlas u allura wkoll tad-dritt fil-persuna legittimata biex tirriskwoti dan il-hlas, ma gewx esebiti. Minflok l-attur ghazel li jsostni l-pretensjoni tieghu in bazi ghad-dokument esebit a fol. 30 manifestanti l-konteggi preparati skond programm fil-*computer* imhaddem minn ibnu. Ara deposizzjoni tieghu in kontro-ezami a fol. 41;

Fil-hsieb ta' din il-Qorti ma jistax jinghad li l-attur jinsab suffragat b' mod adegwat mill-esebizzjoni ta' dak l-i*statement* bazat eminentement fuq programm fil-*computer* koncepit u mhaddem minn ibnu. Dan qed jigi rilevat b' riflessjoni ghall-fatt illi mill-provi jirrizulta illi l-mod kif kienu qeghdin isiru l-pagamenti - mill-konvenuta lill-mart l-attur u din lil zewgha jew lil binha - din il-Qorti mhix ghal kollox konvinta illi certi hlasijiet li saru setghu ma ddahhlux fil-programm tal-*computer*. Inversament, il-produzzjoni tal-kambjalijiet ma kienx ihalli dubju dwar l-ammont tal-kreditu pendenti jew ghallanqas kien inaqqas il-possibilita` tar-rezistenza ta' l-appellata fil-konfront taghhom. Certament f' kaz bhal dan tapplika l-massima li min jallega kreditu favur tieghu kellu jaghmel dan billi jipproduci l-ahjar prova. Din il-prova kellha tkun wahda certa u kredibbli u, safejn ragonevolment possibbli, preciza wkoll;

Huwa inutili li wiehed jikkontendi x' ghamlet jew x' ma ghamletx il-konvenuta. Dan ghaliex kien dejjem fl-obbligu ta' l-attur li jaghmel il-prova pozittiva li l-ammont minnu

mitlub, u mill-konvenuta kontez, kien ghadu effettivament dovut. Wiehed dejjem ma ghandux jinsa illi l-oneru probatorju tal-konvenuta, skond l-eccezzjonijiet proposti minnha, tinsorgi biss fil-konkret meta l-attur ikun minn naha tieghu fornixxa l-prova adegwata u konvincenti tal-fatti migjuba biex isostni d-domanda tieghu. L-insufficjenza, jew anke in-nuqqas, tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenuta biex tirribatti l-pretiza ta' l-attur ma tiswiex biex tiddispensa lill-attur mill-obbligu li jiddemostra b' mod sufficcjenti l-legittimita` u l-fondatezza tal-meritu tal-kreditu pretiz. Il-piz tal-prova tal-fatt li minnu twieled id-dritt vantat ghall-hlas tal-kreditu kien fl-ewwel lok karikat fuqu u hu naqas li jiddisimpenja ruhu b' mod li jnissel f' min ried jiggudika, anke fuq bazi ta' probabilita` u tal-preponderanza, dik ic-certezza morali tal-verita` u attendibilita` tal-fatt dedott. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti twarrab l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti f' dan il-kaz ghax dan kien korrett u jikkorrispondi ghal konkluzjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------